MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 129/2012

**Matsurv & Associates Limited [C-46332]**

**vs**

**DIS Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-22 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' elfejn tmien mija erbgha u tletin euro u sebgha centezmi ta' euro (€2,834.07) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Peress illi DIS Company Limited hija debitrici lejn is-socjeta attrici fis-somma ta' euro 2834.07 rapprezentanti servizzi ta' Land Surveying rezi lilkom fuq istruzzjonijiet taghkom matul is-snin 2010, 2011 u dana skond invoice hawn annessa u mmarkat dokument A.

U peress illi l-imsemmija Dis Company Limited mhux biss accettat li dan l-ammont kien dovut izda kienet anki talbet li thallas bin-nifs u dana izjed minn xahrejn illi kollox skond kif jidher mill-emails mibghuta mill-accounts executive tas-socjeta debitrici hawn immarkat dokument B.

U peress illi minn dak kollu li promettiet li taghmel baqghet ma ghamlet xejn u sal-lum ghadha ma hallset xejn mis-somma dovuta.

U peress illi s-socjeta esponenti interpellatha thallasha s-somma dovuta permezz ta’ ittra ufficjali 166A tat-22 ta’ Dicembru 2011 is-socjeta intimata ddikjarat fir-risposta minnha mibghuta fis-17 ta’ Jannar 2012 illi kienet qedha “tirrespingi l-pretensjonijiet tas-socjeta mittenti stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt” minkejja l-ammissjoni taghha kif kontenuta fid-dokument B anness.

Tghid is-socjeta konvenuta ghar-ragunijiet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m’ghandhiex tigi kkundanata thallasha s-somma fuq imsemmija ta’ Euro 2834.07.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 4856/11 tat-22 ta’ Dicembru 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta giet dovuta s-somma sad-data tal-pagament effettiv u bl-ingunzzjoni tas-socjeta intimata ghas-subizzjoni”.

Ra n-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta konvenuta pprezentata fis-seduta mizmuma fl-24 ta’ April, 2012 u li fiha gie dikjarat li f’Marzu, 2012 sar hlas akkont ta’ mitejn euro (€200) mis-somma dovuta. Ghalhekk l-ammont mitlub fit-talba originali ghandu jigi ridott b’dan l-ahhar ammont biex b’hekk is-socjeta konvenuta tigi li qeghda tammetti li ghandha taghti lil dik attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija erbgha u tletin euro u sebgha centezmi ta’ euro (€2,634.07)

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u in vista tan-nota ta’ ammissjoni tas-socjeta konvenuta t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici

s-somma ta’ elfejn sitt mija erbgha u tletin euro u sebgha centezmi ta’ euro (€2,634.07), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------